**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-7 ta' Dicembru 2021**

**Rikors Numru : 174/2021 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**NL**

**Vs**

**ML**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' NL datat 5 ta' Mejju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi il-partijiet izzewgu fit-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg twieled tifel, MKL, li llum ghandu dsatax il-sena;*

2. *Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni (Ara Dok B anness) in forza ta' Digriet moghti minn din L-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bin-numru elf tmien mija tlieta u ghoxrin tas-sena elfejn u tmintax (1823/2018);*

3. *Illi l-partijiet ilhom aktar minn erbgha (4) snin de jure separati;*

4. *Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom mis-sena elfejn u sbatax (2017) ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dr Sharon Faith Farrugia, datat tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmintax (2018), senjatament klawsola (4), l-partijiet iddekadew definittivament mid-dritt illi jesigu manteniment minn ghand xulxin. Il-manteniment ghall-wild ai termini ta' klawsola (9) dejjem thallas u ghalhekk ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment versu xulxin;*

   *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta` Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' ML datata 21 ta' Mejju 2021, a fol 13 li taqra hekk:

1. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti kif formulati huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ma jikkonkorrux il-kundizzjonijiet stipulati fil-Art. 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-otteniment tad-divorzju.*

2. *Illi veru li ma hemmx lok ta' rikonciljazzjoni.*

3. *Illi pero, il-partijiet ma ilhomx aktar minn erba' (4) snin separati 'de iure'.*

4. *Illi pero jigi rilevat li ghad hemm pendenza dwar il-hlas tal-manteniment douvta*

*mir-rikorrenti lill-intimat fis-somma ta' hames t'elef seba mija u hamsin il-ewro (€5,750) bhala arretrati minn Awwissu 2018 sa Mejju 2021. Dina ghadha mhux sodisfatta salv kull manteniment ulterjuri.*

5. *Illi r-rikorrenti ma ndikat l-ebda xhieda u/jew dokumenti in sostenn tal-pretensjonijiet taghha.*

6. *Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ma hiex idonea u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra taghha.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-eccezzjoni tal-manteniment giet sorvolata ghaliex intlahaq ftehim fuq pagamenti dovuti lill-intimat, li jammontaw ghal erbghin (40) pagamenti mensili; (vide fol 30, seduta datata 15 ta' Novembru 2021);

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**ML xehed** (vide affidavit fol 16) illi l-kontendenti izzewwgu nhar it-12 ta' April 2003, u li minn din ir-relazzjoni twieled tifel, illum maggiorenni. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni nhar it-30 ta' Awwissu 2018. Xehed illi ma ilhomx aktar minn erba' snin separati legalment izda ma hemmx possibilita' ta' rikonciljazzjoni. Finalment iddikjara illi r-rikorrenti naqset milli thallas il-manteniment kif miftiehem fil-kuntratt  u ghaldqstant id-divorzju ma jistax jinghata.

**In subizzjoni,** xehed illi skond il-kuntratt it-tifel kellu jirrisjedi gimgha mal-omm u gimgha mal-missier, izda t-tifel ried jibqa' jghix mieghu u baqa jghix mieghu xorta wahda. Xehed illi t-tifel ma kienx jaf dan u ddecieda li jghix mieghu biss. Sostna illi t-tifel qatt ma mar jghix ma ommu hlief ghal xi erbat ijiem kollox. Sostna illi l-arrangament dwar il-manteniment kien illi t-tifel jghix gimgha u gimgha u jaghtu manteniment ta' mitejn fix-xahar, izda ikkonferma illi kull parti kellha tiehu hsieb l-manteniment tat-tifel, meta l-istess tifel jkun mieghu. Mistoqsi minn fejn gab ic-cifra tal-arretrati, ikkonferma illi kif stipulata skond il-kuntratt, ic-cifra kienet ta mitejn ewro, b'dana

illi peress kien qed jirrisjedi gimgha mal-omm u gimgha mal-missier, huma ddekadaw mid-dritt ta' manteniment. Gara illi peress li t-tifel kien qed jirrisjedi dejjem mal-missier mis-separazzjoni, u cioe minn Awissu 2018 sa Mejju 2021 dawn ammontaw ghall-hamest elef u seba mija. Xehed illi minn Dicembru, l-attrici kienet tikkontribwixxi hamsin euro fix-xahar lill-intimat ghall-minuri kif ukoll gieli xtrat xi hwejjeg lill-minuri, il-bqija dejjem hallas u xtara kollox hu stess ghall-minuri. Mistoqsi ghalfejn fetah proceduri issa ghall-manteniment, iddikjara illi huwa kellu jirrikorri ghall-procedura tal-legal aid. Ikkonferma il-prospett tal-bzonnijiet tat-tifel li gie mghoddi lill-attrici. Xehed illi huwa ma jahdimx minhabba problemi ta' sahha u li ma kellux finanzi bizzejjed sabiex jqabbad avukat privat.

**NL xehdet** (vide affidavit fol 19) illi hija zzewget lill-intimat nhar it-12 ta' April 2003 u kellhom tifel li twieled fl-14 ta' Settembru 2002. Xehdet illi dan iz-zwieg ma rnexxiex minhabba ragunijiet fosthom inkompatibilita ta' karattru. Sostniet illi r-ragel taghha waqaf milli jahdem hames snin wara li zzewwgu u kien ha s-somma mid-Dockyard u li hija dejjem hadmet zewg xogholijiet sabiex izzomm il-familja komda. Sostniet illi sseparaw nhar it-30 ta' Awwissu 2018 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Sharon Faith Farrugia u li f'dan il-kuntratt gie ddikjarat li kienu ilhom jghixu separata sa minn Jannar 2017. Ikkonfermat ukoll li ma hemm ebda tama ta rikonciljazzjoni stante li ghandha hajja independentement minn zewgha. Xehdet illi rigward il-manteniment tat-tifel, il-partijiet kienu ftehemu illi t-tifel jghix gimgha mal-missier u gimgha maghha u kulhadd jiehu hsieb li jmantni lit-tifel skond il-gimgha, bl-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni jinqasmu bejniethom. Di piu' xehdet illi r-ragel zamm id-dar matrimonjali u kellu jghaddi s-somma ta mitt elf lix-xhud. Gara illi x-xhud cediet li taccetta ghal tali somma ghaliex riedet illi sserrah mohha li t-tifel jibqa jitrabba fl-ambjent li trabba fih. Sakemm thallset ta sehemha hija marret tirrisjedi ma habiba taghha. Sostniet illi l-missier kien jghid lit-tifel illi peress li kienet ghadha minghajr residenza personali taghha, kien ahjar illi jibqa jirrisjedi mal-missier intimat. Irriteniet illi meta xtrat il-post, it-tifel mar jghix maghha ghal xi zmien izda gara li faqqghet il-pandemija u l-intimat kien insista illi t-tifel jibqa jghix mieghu peress illi xogholha ta' nurse u kienet qed tahdem ma persuni illi jkunu fi kwarantina. Tistqarr illi ghalkemm kienu safe mill-covid, hija xorta wahda baxxiet rasha u accettat li t-tifel jibqa mal-missier. Izda meta naqqas il-covid, il-missier beda jhedded lit-tifel illi jekk ser jmur ghand ommu, skond il-kuntratt, l-intimat ma kienx ser jaccettah lura. L-intimat kien jghidlu ukoll illi ma ghandux imur ghand ommu peress illi tghix ma mara ohra. Sostniet illi ma tafx ghall-liema arretrati qed jitlob l-intimat peress li huwa qatt ma avvicinaha u talabha manteniment, kif ukoll ma hemm ebda somma ta' manteniment stipulata fil-kuntratt. Xehdet illi f'dawn l-ahhar tlett snin dejjem ghamlet ix-xirjiet illi kien jordnalha l-intimat, li jinkludu groceries, hwejjeg, medicina u l-bzonnijiet tat-tifel. Iddikjarat illi dejjem ghamlet minn

kollox u kull sagrificcju ghal binha, kif ukoll dejjem taghtu l-ghajnuna privata necessarja ghal psikjatra li kellu bzonn l-istess tifel, mentri l-missier intimat qabad u waqqaflu l-visti privati u baqa juza s-servizz tal-istat minhabba l-flus.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' April 2003, liema zwieg jgib certifikat numru 404/2003 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn din ir-relazzjoni twieled tifel qabel iz-zwieg.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni nhar it-30 ta' Awwissu 2018, fl-atti tan-Nutar Dottor Sharon Faith Farrugia (vide Dok. B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mill-ligi kif emendata.

Il-Qorti rat illi skond il-verbal tal-partijiet tal- 15 ta' Novembru 2021, l-eccezzjoni tal-manteniment giet sorvolata minhabba li ntlahaq ftehim.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 404/2003 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**